**Inċens ifuħ**

Inħares lejn għemilek
u nitgħaxxaq bih,
hekk mimli qdusija
x'dawl qawwi hemm fih!

Lejn is-sema merfugħ
inċens ifuħ!

F'kull imġieba tiegħek
tidher leqqiena,
l-imħabba tant safja
kenn għal ħosbiena.

Int barka għal kull ruħ
inċens ifuħ!

Imġenneb minn uħud
li jridu ċapċip,
imseqqer minn oħrajn
il-ħbieb tat-tlablib.

Mill-Missier int merfugħ
inċens ifuħ!

Warrabha t-tmerrija
għax risq qajla iġġib,
ħalliehom fi kliemek
jiġu għax hu ġid.

Minn Alla int mismugħ
inċens ifuħ!

Is-safa t'għemilek
ħaddnek fl-umiltà,
issokta istabar
kelmtek karità.

Minn qalb Kristu mitmugħ
inċens ifuħ!

Patri Mario Attard OFM Cap

30 ta’ Novembru 2020